MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 414/2011

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clive Farrugia detentur tal-Karta tal-identita` numru 86190 (M), l-imsemmi Thomas Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 567394 (M), l-imsemmi Daniel Spiteri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 346393 (M), l-imsemmi Charlot Zarb detentur tal-Karta tal-Identita` numru 379394 (M) u l-imsemmi Johann Zarb detentur tal-Karta tal-Identita` numru 379294 (M).

**Akkuzati talli:**

Fid-29 ta` Dicembru, 2012, gewwa razzett f'Hal Qormi ghall-habta ta` bejn it-20:00hrs u l-23:00hrs ikkommettew serq ta` tlett isriedaq li jammontaw ghal elf u hames mitt ewro (€1,500) f'daqqa, liema serq hu kkwalifikat bil-valur,

bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sehh a deteriment ta` Anthony Pace;
Lil Clive Farrugia wahdu talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel;

U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza;

Lil Daniel Spiteri wahdu talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tal-'Conditional Discharge'.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261, 263 (a), 267, 269 (c), 270, 271 (c), 49, 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkonsidrat:**

Fuq ammissjoni tal-imputat il-Qorti ma ssib l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, izda ma taqbilx mal-valur tas-sriedaq moghtija de quo mill-Prosekuzzjoni fis-sens illi skond ix-xhieda ta` Anthony Pace dawn jiswew tlett mitt ewro (€300) il-wiehed.

Ghalhekk din il-Qorti qiedgha ssib htija fl-ammont ta` disa` mitt ewro (€900).

Fil-konfront tal-imputati Thomas Camilleri, Daniel Spiteri, Charlot Zarb u Johan Zarb, il-Qorti wara li rat:

1. L-eta` zghira taghhom;

2. Illi ma ghandhomx storja criminal qabel u l-fedina penali taghhom hija nadifa;
3. Il-fatt li huma kollha jahdmu, kif ukoll il-ko-oprezzjoni shiha taghhom mal-Awtoritajiet Pubblici;

Temmen illi piena karcerarja ma tkunx ta` beneficcju ghalihom. Il-Qorti hija preparata li taghtihom cans iehor. Ghaldaqstant tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fil-konfront tal-imputat Clive Farrugia din il-Qorti giet ikkonfrontata bil-fatt illi dan jinsab taht sentenza sospiza a tenur tal-Artikolu 28 (A) subinciz 1 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Minhabba c-cirkostanzi partikolari, inkluz dawk imsemmija precedentament u a tenur tal-Artikolu 28 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti qiedgha tasstjena milli taghmel ordni bis-sahha jew taghmel bdil fis-sentenza mahruga skond l-Artikolu 21 subinciz 1 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dan il-Qorti qed taghmlu wara li rat is-‘Sentencing Report’ maghmul mill-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech.

Il-Qorti tiddeciedi billi tpoggi lill-istess Clive Farrugia taht ordni ta` Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghal perjodu ta` tlett (3) snin taht is-supervizzjoni tal-istess ufficjal tal-Probation Gordon Grech illi kull erba` xhur ghandu jipprezenta lil din Il-Qorti dwar l-andament tal-istess Clive Farrugia.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------